MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 206/2005

**A**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili gewwa r-Rumanija nhar is-16 ta’ April tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (1994) skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn mehmuz markat Dok A;

Illi l-attrici hija ta’ nazzjonalita Maltija filwaqt li l-konvenut huwa ta nazzjonalita Omisis;

Illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni ta xejn u difatti qatt ma kien iffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg;

U illi difatti meta l-konvenut kien gie mkecci minn Malta mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni, huwa beda ta kuljum icempel lill-attrici sabiex titla fejnhu l-Omisis halli jinghaqad maghha fiz-zwieg u b’hekk jkun jista jigi lura Malta;

U illi meta l-Awtoritajiet tal-Omisis ma accettawx li jzewgu lill-kontendenti kemm minhabba d-differenza fl-eta u kif ukoll minnhabba d-differenza fir-religjon, il-konvenut ha mieghu lill-attrici gewwa r-Rumanija fejn wara kwazi xahar li waslu hemm inghaqdu fiz-zwieg x’aktarx bl-ghajnuna ta terzi in vista tal-fatt li l-konvenut kien ighid li kellu jghaddi l-flus;

U illi in segwitu ta dan, il-konvenut thalla jidhol lura Malta mill-Awtoritajiet tal-Pulizija kif fil-fatt ghamel;

U illi l-kontendenti mill-bidu nett taz-zwieg taghhom qatt ma ghexu hajja ta mizzewgin ghalkemm kienu joqghodu taht l-istess saqaf fid-dar tal-familja tal-attrici gewwa l-Mosta;

U illi l-ghaqda legali ta’ bejn il-kontendenti kienet mill-bidu nett mimlija problemi, tilwim u argumenti u ta sikwit il-konvenut kien jerfa idejh fuq l-attrici partikolarment meta hi ma kinietx tghaddilu l-flus li ta kuljum kien jitlobha;

U illi l-attrici mill-ewwel irrejalizzat li l-konvenut kien ried jizzewwigha biss ghall-iskop biex ikun jista jerga jidhol hawn Malta, sabiex ikun jista jahdem hawn Malta

minnghajr ebda problemi u halli joqghod ighix komodament fuq id-dhul u flus imfaddla likellha l-attrici u ghall-beda skop iehor;

U illi l-hajja mal-konvenut tant saret wisq intollerabbli li fl-ahhar l-attrici rnexxielha trabbi l-kuragg li taffaccjah u tikkonvincieh jersaq ghal separazzjoni personali liema fatt sehh in forza ta kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Marco Burlo datat sebgha u ghoxrin ta April tas-sena elf disa mija u disgha u disghin Dok B;

U illi anke wara l-imsemmi kuntratt ta separazzjoni, l-konvenut xorta wahda baqa jippersegwita lill-attrici ghal skopijiet ta flus u biex jibqa japprofitta ruhu minnha kif jirrizulta minn diversi kuntratti li saru dejjem a beneficcju tal-istess konvenut minn liema l-attrici ma ggwadanjat xejn, Dok C u Dok D;

U illi l-attrici bdiet tiehu r-ruh biss minn meta l-konvenut mar lura l-Omisis madwar erba snin ilu fejn jinghad li rega zzewweg minnghajr ma hall iz-zwieg odjern;

U illi ghalhekk fil-mument meta gie kkontrattat iz-zwieg iz-zewg kontendenti ma kienux konsapevoli ghalxiex kienu dehlin u fil-fatt ebda wiehed minnhom ma ha konsiderazzjoni tassew dwar id-drittijiet u l-obbligi reciproci taghhom li ggib maghha tali rabta;

U illi mill-bidu nett taz-zwieg il-kontendenti qatt ma kellhom l-intenzjoni serja u veritjiera li huma kienu fil-fatt u fid-dritt qed jinghaqdu fi stat ta’ zwieg;

U illi ghalhekk il-kunsens tz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-

dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-

obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta;

Illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat stante li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta;

Illi inoltre l-istess kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien ivvizzjat stante li fil-mument taz-zwieg ma kellhomx setgheat intelletwali jew ta rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta;

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta April 1994 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fis-16 ta April 1994 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li permezz taghhom eccepixxew:

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huma jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-16 ta’ April,1994 a bazi tal-Atikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuti nomine ma humiex edotti bil-fatti u ghalhekk ma kinux f’posizzjoni illi jressqu provi; ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attrici izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi porti jkun inkiseb b’eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (h) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun ivvizzjat minn nuqqas intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher illi dan iz-zwieg kien zopp ghall ahhar u bizzejjed wiehed jara d-differenza kbira ta’ eta’ bejn il-kontendenti. Skond l-attrici kien il-konvenut illi hadha mieghu r-Rumanija biex jizzewwgu billi kellu problema jottjeni l-permess jizzewweg mill-Awtoritajiet ta’ pajjizu minhabba din id-differenza. Huma sseparaw legalment fl-1999. Il-Qorti jidhrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-sub-artikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-16 ta’ April, 1994. L-ispejjez jithallsu mill-partijiet f’sehem ugwali, izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittijiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------